



# In-Niċċa tad-Duluri fil-Menqa

Pawlu Dimech

Kull min jgħaddi mill-inħawi tal-Menqa tal-Marsa ħarstu tmur lejn in-niċċa l-ġdida ta' Marija Addolorata tax-xatt. Din reġgħet ġiet mibnija mill-ġdid bit-tħabrik u l-inizjattiva tal-Għaqda Storika u Kulturali Marsa u bl-għajnuna tal-Kunsill Lokali Marsa u l-kumpanija Enemalta.

L-istatwa li turi lil Sidtna Marija bilqiegħda żżomm lil Binha Ġesù mejjet hija skolpita fil-ġebla Maltija. L-istatwa fil-bidu kienet impoġġija fuq pedestall tal-ġebel tiela' mill-art u jdur nofs tond ma' kantuniera ta' binja qadima li kienet isservi biex tinħadem il-kunserva. Ftit 'l isfel minnha kien hemm binja oħra qadima msejħa l-biċċerija. Dawn illum twaqqgħu. Bil-ħidma tal-ħaddiema tax-xatt u ħaddiema oħra, l-istatwa tad-Duluri tneħħiet mill-post oriġinali tagħha u nbniet niċċa kbira għaliha li l-bażi tagħha tielgħa mill-art. Il-faċċata hi mżejna bi ħnejja u gwarniċjun li kien jispiċċa b'salib. Fil-parti ta' isfel fil-ġenb tan-niċċa hemm bieba żgħira li twasslek sa ħdejn l-istatwa minn ġewwa. Biex tkun protetta mill-elementi naturali tax-xemx u l-maltemp saritlha bieba bil-ħġieġ quddiemha.[1]

In-niċċa kienet fil-bidu tat-Telgħa ta' Spencer u ddur lejn Moll iċ-Ċangaturi, int u sejjer lejn il-Moll ta' Pinto li llum imsejjaħ Xatt l-Għassara tal-Għeneb. Kienet faċċata tal-binja tal-uffiċini tan-NAAFI u wara serva għall-eks Sea Malta.[2]

In-niċċa tad-Duluri kienet tgawdi devozzjoni kbira u sa kellha fiha kwadru 'ex-voto' b'qalb tal-fidda. Kien hemm stellarju f'ras il-Madonna u raġġiera f'ras Ġesù.[3] Kien jieħu ħsiebha ħaddiem ta' Coleiro tal-inbid. Wara l-ewwel snin ta' dan is-seklu, in-niċċa flimkien mal-bini tneħħew għall-proġett tal-irranġar tax-xatt u biex isiru xi tankijiet tal-kumpanija M.O.B.C. Ix-xogħol kien taħt l-inġinier is-Sur Horace Fenech.[4] In-niċċa kellha tiġi quddiem iż-'zebra crossing' iżda x-xogħol ma tkompliex. Kien bl-inizjattiva u l-ħeġġa tal-membri tal-Għaqda Storika Kulturali Marsa li fl-2013 tqajmet kuxjenza biex in-niċċa u l-istatwa jerġgħu jitpoġġew fl-inħawi tax-xatt. Wara ħafna taħbit u laqgħat mal-Kunsill Lokali Marsa u mas-Sur Kevin Chircop



f'isem l-Enemalta nstab post alternattiv biex terġa' tinbena mill-ġdid wara li l-istatwa nstabet abbandunata f'maħżen tal-Enemalta.[5]

Fis-sena 2016 il-perit tal-Enemalta, is-Sur Reuben Sammut, għamel il-pjanti li ġew approvati mill-MEPA.[6] Fl-20 ta' Novembru 2017 inbeda x-xogħol fuq in-niċċa li hu l-istess bħalma kienet qabel taħt il-perit is-Sur Robert Schembri. F'Jannar 2018 in-niċċa kienet lesta u nhar it-Tlieta 23 tal-istess xahar l-istatwa tpoġġiet f'postha. Ix-xbieha artistika tad-Duluri ġiet restawrata mill-iskultur is-Sur Sergio Gauci minn Birkirkara u l-ispejjeż tħallsu mill-Għaqda Storika Kulturali Marsa.[7]

Kien l-iskultur u surmast is-Sur Carmelo Zammit li skultura l-istatwa. Huwa twieled iż-Żurrieq fl-1850 u kien bniedem mixħut għall-arti kemm tal-mużika kif ukoll tal-iskultura. Fost ix-xogħlijiet tiegħu nsibu statwi tal-ġebel fil-knejjes taż-Żurrieq, il-Gudja, is-Siġġiewi u Għajnsielem, Għawdex. Barra d-Duluri





tax-xatt fil-Marsa, huwa ħadem statwa sabiħa tal-Karmnu fi Triq il-Fjuri ż-Żurrieq. Kien ukoll surmast tal-baned taż-Żurrieq u rħula oħra u ħadem statwi tal-kartapesta għall-festi taż-Żurrieq. L-iskultur Carmelo Zammit miet fis-6 ta' Marzu 1919 fl-età ta' 69 sena.[8] It-talent intiret minn ibnu Toninu li kien skultur u pittur, u min-neputi tiegħu l-iskultur magħruf Marco Montebello (1915-1988). Marco kellu ħanut tal-iskultura fil-Marsa u għandna xogħlijiet tiegħu fil-knisja parrokkjali tat-Trinità Qaddisa, fosthom iż-żewġ Papiet ta' ħdejn it-titular.[9] Inroddu ħajr lil dawk kollha li ħadmu biex dan il-wirt ta' patrimonju storiku u reliġjuż reġa' sab postu fil-Marsa.

**Referenzi:**


1 Il-Marsa, Marzu 1990

2 Il-Folju: Storja u Kultura Marsa 2013, Nru 36, paġna 2

3 It-Twaqqif tal-Ewkaristija 2007, paġna 97

4 Il-Folju: Storja u Kultura Marsa 2015, Nru 44, paġna 1

5 Il-Folju: Storja u Kultura Marsa 2016, Nru 45, pagna1

6 Il-Folju: Storja u Kultura Marsa 2016, Nru 46, paġna 1

7 Il-Folju: Storja u Kultura Marsa 2018, Nru 51, paġni 1-2

8 Leħen is-Sewwa, 15 ta' Mejju 1999, paġna 12

9 L-Istorja tal-Marsa 1963, Patri Donat Spiteri OFM Cap., paġna 46